MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 11/2003

**Michael Axisa**

**vs**

**Koperattiva ta’ Min Irabbi l-Majjal Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta’ Ottubru 2001 il-Bord tal-Koperattivi ppronunzja s-segwenti decizjoni:-

“1. Il-Bord tal-Koperattivi rcieva talba minghand Michael Axisa sabiex jirregistra disputa bejn il-*Pig Breeding Co. Ltd* (li taghha s-Sur Axisa huwa proprjetarju) u l-Koperattiva ta’ Min Irabbli l-Majjal, datata 12 ta’ Marzu 1999. Il-Bord irrisponda permezz ta’ ittra tas-17 ta’ Marzu 1999 fejn iddikjara li, skond il-ligi, ma ghandu ebda kompetenza jiddelibera fi kwistjonijiet bejn kumpanija u koperattiva. B’ittra tas-6 ta’ Awissu 1999, s-Sur Axisa

ressaq disputa ghan-nom tieghu kontra l-KIM, flimkien ma' dokumenti li jaghtu lok ghal kunsiderazzjoni li kien hu personalment, u mhux il-*Pig Breeding Co. Ltd*, li kien membru tal-KIM. Ghalkemm li jkollok kumpanija bhala membru ta' koperattiva hija bi ksur ta' l-artiklu 45 ta' l-Att dwar l-ghaqdiet koperattivi (kapitlu 278 tal-ligijiet ta' Malta), mhux eskluz li dan l-arrangament kien u ghadu jsehh f'certu sitwazzjonijiet u seta' facilment kien jezisti fil-kaz tas-Sur Axisa. Fil-fatt, l-ebda dokument ta' registrazzjoni ta' shubija favur is-Sur Axisa bhala persuna ma tressaq bhala xhieda f'dan il-kaz. Madanakollu, u bir-rizervi kollha xierqa, il-Bord qabel li jittratta dan il-kaz bhala disputa skond l-Artiklu 109 ta' l-Att 26 ta' l-1978 dwar l-Ghaqdiet Koperattivi.

2. Wara li saru laqghat preliminarji u ngabru diversi dokumenti bil-mitkub, il-Bord ikkostitwixxa ruhu bhala tribunal u nstemghet ix-xhieda relatat mal-kaz. Is-seduti saru fl-uficcju tal-Bord tal-Koperattivi, 105, Triq Melita, l-Belt u nzamm *transcript* fidil tax-xhieda permezz ta' *audio recording*.

3. Is-seduti kollha gew ppreseduti minn Dr. Godfrey Baldacchino, *Chairman* tal-Bord tal-Koperattivi. Is-Sur Axisa kien regolarment assistit mill-avukat tieghu Dr. Joseph Buttigieg. L-interessi tal-KIM gew imharsa bil-presenza regolari ta' l-avukat taghha Dr. George J. Cutajar.

4. Saru b'kollox disa' (9) seduti formali. Is-seduti saru f'dawn id-dati:-

29 ta' Mejju 2000; 12 ta' Gunju 2000; 4 ta' Settembru 2000; 9 ta' Ottubru 2000; 13 ta' Novembru 2000; 30 ta' April 2001; 21 ta' Mejju 2001; 11 ta' Gunju 2001 u 18 ta' Lulju 2001.

5. Tressqu bhala Xhieda favur is-Sur Axisa:-

Michael Axisa nnifsu; Philip Bezzina; Dennis Laferla; John Muscat; Charles Pisani; Dr Carmel Lino Vella u Anthony Zammit.

6. Il-Koperattiva ta’ Min Irabbli l-Majjal (KIM) ghazlet li ma ttella’ ebda xhieda addizzjonali u wettqet kontro-ezami fuq ix-xhieda mressqa mis-Sur Axisa.

7. Is-Sur Michael Axisa qieghed jitlob li jithallas lura s-somma ta’ Lm11,388.60c li hija t-totali ta’ multi li huwa garrab fil-konfront tal-*Pork Marketing Ltd* u tal-KIM meta huwa kien ressaq ghal qatla majjal ‘l fuq mill-kwota tieghu bejn Frar ta’ l-1989 u Settembru ta’ l-1993. Is-Sur Axisa, fix-xhieda tieghu, spjega kif huwa gie “ordnat” iressaq majjal ghall-qatla ‘l fuq mill-kwota tieghu ghax kien hemm domanda qawwija fis-suq u huwa kien maghruf mill-haddiema tal-*Pork Marketing Ltd* kif ukoll mill-processuri bhala produttur kbir li kien f’posizzjoni li jissupplixxi s-suq tal-majjal b’laham ta’ kwalita gholja. Dan il-majjal ‘zejjed’ kien kollu bit-*tattoo*, nqatel skond ir-regolamenti tal-biccerija u nbiegh, minghajr ma tpogga f’ebda friza – xhieda li kien hemm talba ghalih fis-suq. Is-Sur Axisa spjega wkoll kif ix-xoghol tal-*Pork Marketing Ltd* ittiehdet mill-KIM u allura r-risponsabilita tar-rifuzjoni tal-multi mizmuma tghaddi fuq il-KIM. Is-Sur Axisa fakkar ukoll li produttur iehor ta’ l-istess koperattiva (Pietru Pawl Busuttil) kien irregistra disputa kontra l-KIM mal-Bord tal-Koperattivi dwar dak li s-Sur Axisa allega kienet kwistjoni simili ghal tieghu u fejn il-Bord iddikjara favur is-Sur Busuttil fis-sentenza tieghu.

8. Min-naha taghha, l-KIM irribattiet li fiz-zmien in kwistjoni (1989-1993) hi bhala koperattiva ma kenitx risponsabbli ghall-hrug ta’ ordnijiet ghal tlugh ghall-qatla ta’ majjal ‘l fuq mill-kwota. Il-KIM sostniet ukoll li hija qatt ma awtorizzat lil ebda produttur sabiex jaqbez il-kwota tieghu. Il-KIM fakkret ukoll li hija qatt ma rrinunzjat ghall-multa fuq kull min joqtol majjal oghla mill-kwota tieghu, tkun xi tkun ir-raguni ghal dan; u li l-imposizzjoni ta’ multi ghal produtturi li joqtlu ‘l fuq, jew taht, il-kwota hija mizura mehtiega sabiex tiggarantixxi kemm jista’ jkun, li l-provvista ta’ laham tal-majjal tkun daqs id-domanda u sabiex tinforza dixxiplina fuq is-settur u tipprotegi b’mod kolletiv l-ghixien tal-produtturi tal-majjal. Apparti dan, il-

KIM sostniet li l-kwistjoni mas-Sur Pietru Pawl Busuttil kienet fuq materja differenti.

9. Il-Bord dehrlu wkoll li, ladarba l-KIM hadet u assorbiet fiha nnifisha l-funzjoni tal-*Pork Marketing Limited*, s-Sur Axisa seta’ jressaq il-kaz tieghu xorta fil-konfront tal-KIM; aktar u aktar meta l-protesti tas-Sur Axisa fuq l-imposizzjoni tal-multa fil-konfront tieghu bdew certament mill-1990, meta l-*Pork Marketing Limited* kienet ghadha tezisti. Iz-zewg multi mposti fuq is-Sur Axisa fl-1993, b’total ta’ Lm220, hargu mbaghad mill-KIM innifisha (Dokumenti MA 17 u MA 18).

10. Mid-dokumenti li tressqu quddiem il-Bord, jidher car li s-Sur Axisa kien jaf li, minn Lulju 1989 ‘l quddiem, huwa kien qed jehel multa fuq il-majjal li kien qed iressaq ghall-qatla ‘l fuq mill-kwota tieghu. Dan johrog mill-minuti tal-laqgha tal-kumitat tal-KIM tad-29 ta’ Settembru 1989. Imbaghad, fil-minuti tal-laqgha tal-kumitat ta’ tmexxija tal-KIM li nzammet fl-10 ta’ Mejju 1990, hemm referenza ghal ittra li waslet minghand is-Sur Michael Axisa, fejn fiha talab *refund* tal-multi li garrab matul l-1989. Il-kumitat ta’ tmexxija tal-KIM cahad din it-talba, kif jixhdu l-istess minuti. Dan l-gharfien ghall-ezistenza tal-multa johrog ukoll mill-istess *payment notes* mahruga mill-*Pork Marketing Ltd*. A favur *Pig Breeding Co. LTd*, li whud minnhom (dawk ta’ 11/2/89, 1/4/90, 12/5/89, 4/8/89, 27/10/89 u 17/11/89) huma ffirmati mis-Sur Axisa stess.

11. Il-Bord jinnota wkoll li ma ra jew inghata ebda notifikazzjoni jew ircevuta ufficjali rigward l-allegata multa ta’ Lm1,745 fuq 349 majjal zejjed fit-2/1/1990. In-nota mressqa mis-Sur Axisa (Dokument MA 16) fuq din il-multa mhix accettabbli bhala prova, aktar u aktar fin-nuqqas ta’ provi ohra. Jista’ jkun hemm evidenza fuq dan fir-*records* li hemm ghand il-KIM.

12. Il-Bord jinnota li, f’cirkulari mibghuta lill-membri tal-KIM u ffirmata mill-President u Segretarju tal-koperattiva (datata 26 ta’ Dicembru 1988), hemm miktub li, b’effett mill-1/1/89, “gie deciz [mill-kumitat?] li dawk il-produtturi li jtellghu majjal ghall-qatla aktar milli fil-fatt ikollhom

ibbukkjat, il-majjal zejjed li jtellghu jigi ffrizat spejjez ghall-produttur …" Ma hemm ebda referenza ghal multa jew penali, hlief dik marbuta ma' spejjez ta' *deep freeze*. B'hekk, wiehed jista' bir-ragun jikkonkludi li, dment li ma jkunx hemm htiega ta' ffrizar tal-laham li jkun ghadu kemm gie maqtul, fuq il-produttur ma jigi mpost ebda penali.

13. Il-Bord jinnota wkoll li kien b'effett ta' din ic-cirkulari li nharget cirkulari ohra, ffirmata mill-istess president u segretarju tal-KIM (datata 27/1/89). Aktarx li din harget wara li kien evidenti li l-mizuri ta' l-ewwel cirkulari ma kienux qed ihallu l-effett mixtieq fuq l-imgieba tal-produtturi membri tal-KIM. Ghaldaqstant, "… il-kumitat qed iwissik li ser jiehu passi billi jew jimmulta Lm10 fuq kull majjal zejjed li jitnizzel ghall-qatla jew dawk il-majjaliet li jitnizzlu zejda jistghu jigu *blastfreezjati* a spejjez tieghek…"

14. Il-Bord jinnota li, f'laqgha generali straordinarja tal-KIM li saret fid-19 ta' Marzu 1989, giet approvata zieda fl-istatut tal-KIM [bhala regolament 18(b)(vi)]. Bis-sahha taghha, kull membru tal-KIM li jressaq aktar jew anqas majjal mill-kwota tieghu ghandu jkun soggett ghal penali li tkun stabbilita mill-kumitat ta' tmexxija ta' l-istess KIM. Il-penali ma tigix imposta biss jekk jinkiseb permess (li produttur jew jaqbez jew ma jlahhaqx il-kwota tieghu) mill-kumitat ta' tmexxija tal-KIM. Il-Bord tal-Koperattivi kien approva din l-emenda fis-27 ta' Marzu 1989 u ppublikaha fil-Gazzetta tal-Gvern fit-30 ta' Marzu 1989. Is-Sur Axisa qatt ma allega li kellu dan il-permess fir-rigward ta' qatla ta' majjal 'l fuq mill-kwota tieghu.

15. Il-Bord ifakkar li l-awtorita suprema ta' koperattiva hija l-laqgha generali taghha (Artiklu 55 ta' l-att dwar l-ghaqdiet koperattivi). Mill-banda l-ohra, l-Bord jinnota li s-sur Axisa gie mmultat ukoll *qabel* ghaddiet din il-mozzjoni – fil-11/2,17/2,24/2 u 25/2 ta' l-1989 – b'multa totali ta' Lm4,650 mahduma fuq Lm10 multa fuq 465 majjal zejjed. Emenda fi statut bhal dik in kwistjoni m'ghandiex ikollha poteri ezekuttivi retroattivi. Mill-banda l-ohra, it-tieni cirkulari tal-kumitat tal-KIM (dak bid-data tas-27/1/1989)

kienet harget u l-kontenut tieghu mgharraf lil membri produtturi tal-KIM, inkluz lil Michael Axisa.

16. Il-Bord jinnota li l-kumitat ta' tmexxija ta' koperattiva, bis-sahha ta' l-artiklu 67(1) ta' l-Att dwar l-ghaqdiet koperattivi, huwa "… vestit bit-tmexxija u bid-direzzjoni ta' l-affarijiet u tan-negozju ta' l-ghaqda u … jista' jezercita s-setghat kollha mehtiega biex jigu zgurati amministrazzjoni u direzzjoni shah u xierqa ta' l-affarijiet, negozju u proprjeta' ta' l-ghaqda, barra minn dawk is-setghat rizervati ghall-laqgha generali tal-membri". L-introduzzjoni ta' multi jew penali lil min jaqbez jew ma jilhaqx il-kwota ghandha skop preciz ta' dixxiplina u regolazzjoni li hija fundamentali ghall-hidma tal-KIM u ghaldaqstant hija konformi mas-sustanza u spirtu tal-artiklu 67(1). Apparti dan, xejn ma jorbot l-introduzzjoni ta' multi jew penali lil min jaqbez jew ma jilhaqx il-kwota mas-setghat ta' laqgha generali, skond kif ipprecizat fl-artiklu 59 ta' l-istess Att dwar l-ghaqdiet koperattivi.

17. Dan ifisser li, b'effett mis-27 ta' Jannar 1989 jew xi gurnata jew tnejn wara, s-Sur Axisa kien mgharraf li ser jehel Lm10 fuq kull majjal 'l fuq mill-kwota tieghu li kien ser itella' ghall-qatla. Din id-decizjoni – ghal kollox lecita u legali – tal-kumitat tat-tmexxija giet sussegwentement approvata mill-laqgha generali u nghatat sahha akbar meta giet inkluza bhala regolament fl-istatut tal-KIM fid-19 ta' Marzu ta' l-1989.

18. Il-Bord jinnota wkoll li, fid-decizjoni tieghu dwar id-disputa bejn is-Sur Pietru Pawl Busuttil u l-KIM (3 ta' Novembru 1999), il-Bord ordna lill-KIM trodd lura l-multa ta' Lm390 mposta fuq is-Sur Busuttil la darba kien hemm evidenza li kien sar zball genwin, u li kien hemm precedent ghal kaz simili. Pero, is-sentenza tal-Bord f'din id-disputa partikulari tikkonkludi hekk:-

19. "Madanakollu, din id-decizjoni hija minghajr ebda pregudizzju ghal kull kaz iehor, tal-passat jew futur, li jista' jinqala' rigward hlasijiet ta' multi mposti mill-koperattiva [jigiferi, l-KIM] fuq il-membri taghha. Il-Bord jibqa' jaghraf

il-htiega li koperattiva twettaq dixxiplina fuq il-membri taghha fl-interess ta' l-istess membri u l-industrija taghha".

20. Il-Bord imbaghad ezamina bir-reqqa l-punt dwar jekk is-Sur Axisa giex fil-fatt 'ordnat' li jtella' l-majjal zejjed tieghu ghall-qatla mill-ufficjali fil-biccerija. Gie pprecizat li kienet prattika li l-ufficjali tal-biccerija jistiednu lil certu produtturi maghrufin li ghandhom majjal zejjed biex itellghu dan il-majjal ghall-qatla meta d-domanda tkun qawwija jew meta produtturi ohra ma jkunux lahhqu l-kwota taghhom. Kieku produtturi bhal Michael Axisa ma kenux lesti b'majjal zejjed biex ifornu lis-suq, kien ikollu jigi importat il-majjal minn barra l-pajjiz. Il-presenza ta' majjal zejjed fuq razzett jista' jkun dovut ukoll ghal efficjenza fit-trobbija tal-majjali fuq dak ir-razzett partikulari. Mill-banda l-ohra kieku kull produttur kien jaghmel bhal Michael Axisa u jippretendi li ma jkunx hemm multa fuq *over* jew *under production* mill-kwota, allura l-valur tal-kwota nfisha jigi mhedded. Ghalhekk tezisti l-kwota, li bhalissa hija ta' 2,450 majjal fil-gimgha, b'piz medju ta' 86 kilo. Tispikka ghalhekk dilemma bejn il-htiega ta' dixxiplina fuq is-suq tal-produzzjoni tal-majjal,u fl-istess hin il-htiega ta' certu flessibilita biex taghmel tajjeb ghad-diskrepanzi li jinqalghu kull tant fid-domanda u provvista lokali tal-laham tal-majjal.

21. Decizjoni tal-kumitat ta' tmexxija stess tal-KIM titfa' dawl fuq din id-dilemma meta, b'cirkulari datata 14 ta' Novembru 1988, il-president u s-segretarju tal-KIM javzaw li dak il-produttur li jnizzel majjal zejjed ghall-qatla bil-permess tal-koperattiva jehel multa ta' Lm5; waqt li min inizzel majjal zejjed ghall-qatla minghajr il-permess tal-koperattiva jehel multa ta' Lm10 u mbaghad, jekk din l-imgieba tirrepeti ruha, multa aktar iebsa ta' 46c5 fuq kull kilo. B'decizjoni tal-kumitat ta' tmexxija tal-KIM, kif jixhdu l-minuti tal-laqgha tas-7 ta' Novembru 1989, din il-multa nizlet ghal Lm5 fuq kull majjal zejjed. B'cirkolari ohra mahruga mill-KIM fit-3 ta' Awissu 1993, il-multa regghet telghat ghal Lm20 kull majjal. Fil-fatt, skond ir-*records* tas-Sur Axisa stess, huwa kien qieghed jissoddisfa domanda attwali.

23. *Records* mill-minuti ta’ laqgha ohra tal-kumitat ta’ tmexxija tal-KIM li saret fid-29 ta’ Settembru 1989 taghmel referenza ghal 500 majjal li gew iffrizati ghas-spejjez ta’ Michael Axisa. (Aktarx dawn huma ekwivalenti ghall-526 majjal imsemmija hawn fuq). Il-minuti jitkellmu wkoll fuq “differenza ta’ 867 [majjal] li kienu akkumulaw qabel Lulju 1989 u dan b’awtorita` li [Axisa] kien inghata f’laqgha li kienet inzammet apposta fil-Ministeru ghall-Izvilupp tal-Produzzjoni u dan il-permess gie trattat bhala kaz specjali”. Dan it-tip ta’ kumment fil-minuti ufficjali tal-laqgha tal-kumitat tal-KIM hija evidenza li l-kumitat tal-KIM kien mgharraf b’dan l-arrangament u kien lest jaccettah u jonorah, dejjem bhala “kaz specjali”.

24. Fil-fatt, skond l-istess minuti, Michael Axisa qal li, minn Lulju 1989 ‘l quddiem “… jekk kellu xi haga zejda gie mwahhal multa fuqha”. Mela, l-ispirtu tad-dikjarazzjoni tas-Sur Axisa hija li kien jaf bil-multi li kienu qeghdin isirulu fuq it-tlugh ghall-qatla ta’ majjal zejjed, u kien sahansitra lest li jaccettahom wara certu data, jigifieri Lulju 1989.

25. Mill-banda l-ohra, fid-dawl ta’ l-emenda fl-istatut tal-KIM tad-19 ta’ Marzu 1989,il-penali fuq il-majjal zejjed ma kelliex tigi mposta jekk jinkiseb permess apposta mill-kumitat ta’ tmexxija. Il-minuti tad-29 ta’ Settembru 1989 jitkellmu kif l-*overproduction* ta’ Michael Axisa kienet issir “b’awtorita” u li “dan il-permess gie trattat bhala kaz specjali”. Il-Bord jidhirlu li, b’dan il-provvediment, is-Sur Axisa jissoddisfa l-htiega ta’ permess apposta skond ir-regolament 18(b)(vi) ta’ l-istatut tal-KIM. Dan il-“kaz specjali”, pero, jghodd biss ghall-perijodu “qabel Lulju 1989”. Ghalhekk, skond ir-*records* migjuba mis-Sur Axisa, qed nitkellmu fuq 584 majjal zejjed maqtula fil-biccerija bejn 11/2 u 12/5 ta’ l-1989, li kellhom multa ta’ Lm10 kull wiehed, b’total ta’ Lm5,840.00c.

26. Dwar il-bqija tas-somma kontestata, jigifieri Lm5,548.60c (li minnhom, kif diga intqal, Lm1,745 huma dubjuzi, ma jirrizultax li s-Sur Axisa ghandu xi dritt ghalihom; anzi hemm indikaturi li jissuggerixxu li kien lest li jaccetta dawn il-multi. Il-fatt li kien qieghed jissoddisfa htiega tas-suq hija ghal kollox irrilevanti ghall-kaz. Is-Sur

Axisa kien membru tal-koperattiva KIM u allura soggett ghar-regoli nterni taghha daqs kull membru iehor. Is-Sur Axisa ma kiseb ebda permess specjali, la mill-Gvern, la mill-kumitat ta' tmexxija tal-KIM, u minn ebda "awtorita" ohra sabiex iwettaq *overproduction* wara Lulju 1989.

27. Il-Bord jinnota wkoll li hemm koperattiva ohra ta' produtturi Maltin, il-Koperattiva Produtturi tal-Halib (KPH), li topera hija wkoll b'sistema ta' kwoti, din id-darba fuq il-produzzjoni tal-halib. Id-differenza fil-procedura tinsab fil-fatt li, fil-kaz tal-halib, il-kwota hija wahda mahduma fuq bazi annwali, minflok wahda ta' kull gimgha, kif inhu fil-kaz tal-majjal. Madanakollu, hemm prezz stabbilit ta' halib bhala parti mill-kwota, u iehor – aktar baxx – ghal min jipproduci oghla mill-kwota tieghu. Dan l-arrangament huwa effettivament l-istess bhallikieku saret *levy* jew multa fuq il-halib zejjed.

28. Il-Bord jinnota wkoll li s-Sur Axisa kien obbligat joqtol majjal zejjed minhabba *overcrowding* fuq ir-razzett tieghu. Ittra bid-data tal-21 ta' Gunju 1988, iffirmata minn Dr C.L. Vella, Tabib Veterinarju Principali tal-Gvern, twissi lis-Sur Axisa biex jirregolarizza s-sitwazzjoni tieghu. Mill-banda l-ohra, s-Sur Axisa xehed li, matul dak l-istess perijodu, kien gie moghti kwota temporanja 'l fuq mill-kwota tieghu sakemm din il-kwota tkun tista' tghaddi fuq produtturi ohra. Ghalhekk, l-*overproduction* kienet stat ta' fatt, u bil-barka ta' l-awtoritajiet. Dan jorbot ukoll mal-"permess specjali" li ssemma' aktar 'l fuq.

## Decizjoni

29. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, il-Bord tal-Koperattivi, bis-sahha li taghtih il-ligi, jikkonkludi billi **jordna lil-Koperattiva ta' min Irabbi l-Majjal (KIM) sabiex thallas immedjatament is-somma ta' hamest elef tmien mija u erbghin lira (Lm5,840.00c) lis-Sur Michael Axisa (M 135)**. Dan sabiex il-KIM trodd lura lis-Sur Axisa l-multi migbura fuq 584 majjal, bir-rata ta' Lm10 kull majjal, ghad-dannu ta' l-istess Michael Axisa bejn Frar u Mejju 1989, b'total ta' Lm5,840. Dan minhabba li s-sitwazzjoni tas-Sur Axisa sa Lulju 1989 kienet wahda

‘specjali’, u kellu l-awtorita ghal dan mill-Gvern. Ta’ dan, il-kumitat tal-koperattiva kien mgharraf. Huwa l-istess regolament ta’ l-istatut (18-b-vi) tal-KIM li jaghmilha possibbli li produttur jigi ezentat milli jhallas il-multa jew penali fuq majjal zejjed jew nieqes “bil-permess tal-kumitat ta’ tmexxija”. Ghalhekk, l-istatut stess jahseb ghal kazijiet li jkunu jitolbu eccezzjoni mid-dixxiplina stretta u tant importanti u mehtiega sabiex tigi regolata l-industrija tal-majjal, ghall-beneficcju stess tal-produtturi u l-familji taghhom li jiddependu minnha ghall-ghixien taghhom.

30. Il-Bord japprezza li din id-decizjoni tista’ twassal ghal *claims* minn prodotturi ohra ghal rifuzjoni ta’ multi u penali li huma setghu sofrew minghand il-KIM matul is-snin. Din it-tip ta’ rejazzjoni hija kundannabbli u l-Bord jezigi li kull sfors ghandu jsir halli l-koperattiva tkompli tirregola din l-industrija kif jistghu jitolbu l-isfidi ekonomici tal-mument u tal-gejjieni. Il-Bord ghalhekk jaghmilha cara li dan il-kaz gie ttrattat fuq il-merti partikulari tieghu. Ma johloq ebda precedent u jitqies kaz ghal kollox specjali li, xorta wahda, irrikorra ghal mezzi permessi fl-istatut tal-KIM, minghajr ksur ta’ ebda ligi jew regolament intern tal-koperattiva.

31. Il-Bord jinnota wkoll li l-ispejjez u d-drittijiet ta’ l-attur fil-kawza ‘Michael Axisa nominee v Emm. Schembri *et noe*’ (KIM Ltd.) kienu jammontaw ghal Lm799.05c2m. Dawn il-flus pero mhumiex rikoverabbli f’din is-sentenza ladarba l-Qorti ma kellha ebda gurisdizzjoni f’dan il-kaz.

32. Il-Bord ifakkar li, skond Artiklu 109 (11) ta’ l-Att dwar l-ghaqdiet koperattivi, il-partijiet involuti f’din il-kwistjoni jistghu,fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta’ din l-ittra, jappellaw minn din id-decizjoni lill-Ministru risponsabbli ghall-ghaqdiet koperattivi li jkollu s-setgha jikkonferma, jibdel jew iwaqqa’ d-decizjoni tal-Bord, inkella jibaghtha fil-Qorti ta’ l-Appell.”

Minn din is-sentenza tal-Bord tal-Koperattivi l-Ministru tal-Politika Socjali, bis-sahha Ii jaghtih l-artikolu 110 tal-Kap 278, irrefera ghall-attenzjoni u decizjoni ta’ din il-Qorti s-

segwenti punti ta’ dritt estratti mill-aggravji lilu sottomessi mill-kontendenti.

(1) fil-kaz tal-appell mill-Koperattiva, l-gravam ewlieni jikkoncerna l-legittimita` tal-persuna ta’ Michael Axisa li joqghod fil-gudizzju;

(2) fil-kaz tal-appell minn Michael Axisa, l-punt tal-ligi kif redatt fir-rikors tal-Ministru hu maghmul jikkonsisti fil-pretiza ghall-hlas tal-imghax legali u t-talba ghall-hlas ta’ spejjez ta’ kawza ohra.

Jigi qabel xejn osservat mill-ezami tal-ittri tal-kontendenti lill-Ministru koncernat (fol 10 u fol 12) kif ukoll mis-sottomissjonijiet rispettivi taghhom quddiem din il-Qorti (fol 24 u fol 35) illi fil-kumpless l-appelli taghhom jikkontjeni aggravji ohra, essenzjalment ta’ fatt. In kwantu tali, din il-Qorti ta’ revizjoni mhiex tenuta tikkonsidrahom u ghalhekk ghamel sewwa l-Ministru li ssenjala biss dawk il-punti ta’ dritt li dwarhom htieglu kjarifikazzjoni “before reaching a decision” (subinciz 1 tal-art. 110). F’dan il-Ministru mexa linearjament ma’ dak dispost fis-subinciz (2) tal-imsemmi artikolu li a propozitu jippreskrivi li “The Court of Appeal shall consider and determine <u>any question of law</u> so referred to it … …”. Konsegwentement din il-Qorti, lanqas kieku trid, ma tista’ tesorbita mill-parametri tas-senjalazzjonijiet riferenzjati lilha mill-Ministru. Huma allura dawn biss il-kwestjonijiet li ser jigu ezaminati f’dan l-appell.

Huwa fl-ordni logiku li l-ewwel jigi kkonsidrat l-aggravju tal-Koperattiva. Il-fatti tal-kaz huma sufficjentement spjegati fis-sentenza appellata u ma hemmx htiega li jigu ripetuti. L-appellant Michael Axisa jafferma li originarjament il-licenzja (M 135) ghat-trobbija tal-majjali kienet harget lilu personalment. Invece il-Koperattiva tikkontendi illi l-licenza in kwistjoni tappartjeni lis-socjeta` Pig Breeding Company Limited. Mhux kontestat mill-appellant Axisa illi l-hlasijiet mill-Koperattiva kienu f’certa epoka bdew isiru lil din l-ahhar imsemmija kumpanija. B’daqshekk, isostni Michael Axisa, ma jfisserx illi twieldet xi relazzjoni

specifika ma’ din il-kumpanija. Hu kien, u baqa’ konsocju fil-Koperattiva u mhux is-socjeta` tieghu.

Dan premess, il-Qorti ghandha ghaliex tahseb li dak mitlub minnha fir-riferenza maghmula ma jikkoncernax strettament aspetti ta’ illegittimita` tal-persuna ta’ Michael Axisa. Dan ghaliex, kif provvdut mil-lokuzzjoni tal-artikolu 780 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, eccezzjoni relattiva ghall-materja bhal din ma tistax tigi moghtija hlief f’wiehed minn dawn iz-zewg kazi:

(a) jew l-attur jew il-konvenut ikun inkpaci li joqghod f’kawza. Inkapacita` din espressament kontemplata fl-artikolu 781 Kap 12 riferibilment ghall-minuri jew persuni furjuzi u mohhom marid;

(b) jew li jharrek jew jigi mharrek fl-isem u fl-interess ta’ haddiehor, minghajr ma jkun awtorizzat skond il-ligi ghaldaqshekk.

Jghoddu a propozitu s-sentenzi riportati a **Vol XXXI pI p362**; **Vol XXXIV pI p321**; **Vol XLVII pI p322** u **Vol XLIX pII p889**, fost bosta ohrajn.

Invece, huwa lecitu li jigi dedott mill-istess gravam interpost illi dak li qed jigi pretiz mill-Koperattiva jolqot il-“locus standi” ta’ Michael Axisa biex jippromwovi fil-gudizzju d-disputa tieghu di fronte ghall-Koperattiva. Naturalment dan il-gravam jehtieg li jigi nterpretat bil-bon sens u ezaminat fil-limiti ragonevoli dettati mil-ligi.

Jibda biex jigi osservat illi l-ligi hi cara u esplicita. Skond l-artikolu 45(1) tal-Co-operative Societies Act (Kap. 278) persuna ma tistax tikkwalifika bhala membru fil-Koperattiva hlief fil-kapacita` individwali taghha. Dan certament hi ben konxja minnu l-koperattiva appellanti tant li mill-kontenut tal-appell taghha, u l-Qorti qed tikkwotah espressament, “il-membri f’koperattiva jistghu jkunu biss persuni fisici” u in virtu` tal-fatt li r-rekwiziti tal-artikolu 45 huma tassattivi “l-ebda bord ma jista’ jmur oltre u jaqbad u jaccetta stat ta’ fatt illegali u jlibbsu l-legalita`”.

Il-Qorti qed tissofferma proprju fuq dawn is-sottomissjonijiet tal-koperattiva biex taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Jekk kif korrettement precizat mill-koperattiva l-konsacjati taghha jridu jkunu ‘di rigore’ persuni fizici difficilment tista’ tigi imbaghad accettata l-asserzjoni illi r-relazzjoni taghha ma kienetx ma’ Michael Axisa personalment izda mal-kumpanija tieghu. Jekk jigi ritenut u accettat mod iehor ikun ifisser li l-istess Koperattiva wettqet lezjoni ta’ dispost espress tal-ligi (Art 45) meta rrikonoxxiet lill-kumpanija Pig Breeding bhala membru taghha.

(2) Dan iwassal ghal din ir-riflessjoni. Jekk il-kumpanija msemmija ma setghetx “ope legis” tkun, jew titqies, bhala membru tal-Koperattiva, kif setghet allura tkun assoggettata ghall-penalitajiet meta dawn setghu jigu mposti biss fuq dawk il-membri li ma setghux hlief ikunu persuni fizici. Mhux koncepibbli, u lanqas guridikament accettabbli, illi xi hadd jiehu vantagg mill-illegalita` minnu stess effettwata jew konsentita.

(3) Kif taraha din il-Qorti, fuq il-bazi tar-rizultanzi processwali, il-qaghda vera jidher li kienet li Michael Axisa personalment kien il-membru tal-Koperattiva izda ghall-esigenzi kummercjali u prattici, u b’arrangament bejn il-partijiet, il-hlasijiet dovuti bdew isiru lill-kumpanija tieghu. Ghamel sewwa ghalhekk il-Bord li rrikonoxxa li kienet tezisti disputa bejn Michael Axisa personalment u l-Koperattiva u ghadda biex ikkonsidraha fl-ambitu ta’ dak stabbilit fl-artikolu 109 tal-Att.

Fic-cirkostanzi pervenuti din il-Qorti ma ssibx raguni soda u perswasiva biex takkolji l-aggravju mqanqal mill-koperattiva appellanti.

Kwantu ghall-aggravji ta’ Michael Axisa kif sottomess lil din il-Qorti mill-Ministru responsabbli ghandu qabel xejn jigi ribadit il-punt illi d-diskrezzjoni tal-Bord in materja ta’ apprezzament tal-provi hi kwestjoni li tezorbita mill-attribuzzjonijiet ta’ din il-Qorti. Dak il-Bord sab bhala stat

ta’ fatt illi Michael Axisa kien ipprova in parte biss il-kaz tieghu. Din il-Qorti allura ma tistax tallontana ruhha minn dak il-fatt, u, anzi, hi obbligata tezamina biss jekk dan l-appellant ghandux jedd ghall-imghax legali u spejjez ta’ kawza ohra rikjesti minnu.

Fuq il-punt tal-ispejjez tal-kawza li l-appellant qieghed jippretendi li jirkupra minghand il-koperattiva din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni, hi tal-fehma li ma tistax tammetti t-talba tal-appellant dwarhom. In kwantu dawn l-ispejjez huma konnessi ma’ proceduri quddiem il-qrati ordinarji (Citazz Nru 761/94/JSP) certament l-appellant ghandu, bil-mezzi procedurali lilu konsentiti mil-ligi, u jekk hekk dovut lilu, l-fakolta` ta’ l-atti ezekuttivi biex jassikura l-hlas taghhom. Tali atti huma konsegwibbli fl-istess proceduri minnu ntentati u ma setax jippretendi li l-Bord jammettihom fil-proceduri quddiemu.

Minn naha l-ohra, riferibilment ghall-konsiderazzjoni dwar l-imghax, gjaladarba l-Bord sab li l-appellant Axisa kellu raguni jiddomanda ghallanqas is-somma stabbilita ta’ Lm5840, ammont indebitament ritenut f’penali mill-Koperattiva, dan ghandu b’gustifikazzjoni jikkonsegwixxi l-hlas tal-imghax fuq din is-somma. Fil-hsieb ta’ din il-Qorti l-hlas lura tas-somma specifikata sar dovut u esigibbli meta l-Koperattiva giet imsejha taghmel dan il-hlas permezz ta’ l-interpellazzjoni ufficjali tas-6 ta’ Dicembru 1993. Dan ghaliex kien b’dan l-att li l-appellant irreklama dak li kien lilu dovut u talab il-pagament tieghu. Kien allura minn meta l-Koperattiva baqghet inadempjenti, wara li giet interpellata li thallas, li l-imghax beda jiddekorri fuq ammont li kien determinat mill-Bord. Ara kollez **Vol XVI pI p84** u “**Rita Coleiro -vs- Joseph G. Coleiro et**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998.

Fir-rigward ghalhekk din il-parti tal-aggravju tal-appellanti Axisa hi sostenibbli b’dan li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tichad l-appell tal-koperattiva fuq konsiderat, takkolji in parti l-appell ta’ Michael Axisa limitatament dwar l-aggravju tal-imghax.

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti. Tordna finalment li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Ministru tal-Politika Socjali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------